**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 10 – L-ERBGĦA, 8 TA’ APRIL 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 9**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 2.2 għandha tinbidel “residenti li” għal “min”.

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġiet innutat korrispondenza minn TM fejn dawn infurmaw il-Kumitat li t-tabelli li twaħħlu fi Triq Birkirkara kantuniera ma’ Triq il-Barbaġann mhumiex approvati wara li kien hemm approvazzjoni verbali wara site visit minn uffiċjali ta' TM. Ġie deċiż li dawn it-tabelli jitneħħew.

2.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li ma kienx hemm risposta mill-kuntattur tan-notice boards, minkejja numru ta' reminders. Ġie deċiż li terġa’ tinħareġ sejħħa pubblika għal-kwotazzjonijiet.

2.3 Kien hemm qbil li għandu jsir refurbishment ta' Gnien GM Camilleri. Għandha ssir site visit fil-ġnien nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April 2015.

2.4 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kunsill għadu ma rċeviex it-template tal-allocation tal-Kappara. Għandha tintbagħat reminder lid-Dipartiment.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Is-Sur Alfred Mangion talab biex tintbagħat reminder lil TM rigward il-periklu li hemm fi Triq il-Malvizz.

3.1.1 Hu wkoll ġab għall-attenzjoni tal-Kumitat li għad hemm residenti fi Triq Birkirkara u Triq il-Ħida li qed joħorġu l-borża tal-iskart imħallat f'kull ħin tal-ġurnata.

3.1.2 Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward it-talba għal junction box fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq l-Isponsun.

3.1.3 Għandha ssir talba għal-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija rigward il-problema tat-traffiku meta jidħlu u joħoru t-tfal mill-iskola li tinsab f'din it-triq.

3.1.4 Is-Sur Alfred Mangion talab ukoll biex terġa' titwaħħal il-bozza li nqalgħet fi Triq Birkirkara.

3.1.5 Għandha ssir talba lil TM rigward l-istat ħażin ta' Triq il-Ġojjin.

3.1.6 Kien hemm qbil li ssir talba lill-Enemalta biex titwaħħal bozza ġdida fi Triq il-Ġojjin u Triq il-Ħuttaf.

3.2 Dr Frank Bartolo talab biex tintbagħat ittra lis-sid ta' plot vojta fi Triq il-Malvizz li għandha siġar ħerġin għal ġo triq.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir sleeping policeman fi Triq il-Ħida. Ġie deċiż li din ma ssirx.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Stefan Bonello Ghio**<br>**Chairman** |